MALTA

# QORTI TAL-APPELL

## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 87/2022 LM

**Sebastian Duca (K.I. nru. 100455M)**
**eżerċenti l-kummerċ bl-isem ta' Casa Completa**
*('l-appellanti')*

***vs.***

**Michael Calleja (K.I. nru. 515358M)**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Sebastian Duca (K.I. nru. 100455M) eżerċenti l-kummerċ bl-isem ta' Casa Completa** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], fit-22 ta' Jannar, 2024 [minn issa 'l

quddiem 'is-sentenza appellata'], li ddeċidiet it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-intimat **Michael Calleja (K.I. nru. 515358M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'], kif gej:

*"Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-talba tar-rikorrent limitatament għas-somma ta' erba' mija u disgħin Euro u disa' u sittin ċenteżmu (€490.96)* [sic!] *liema somma għalhekk tirrappreżenta l-bilanċ tal-prezz tax-xogħlijiet eżegwiti minnu wara li ai termini tal-Art. 1640(3) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta ttieħed qies tad-danni li sofra l-intimat li kellu raġuni valida biex iħoll il-kuntratt ta' bejn il-partijiet. L-imgħax legali fuq dan l-ammont jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza.*

*Fir-rigward tal-ispejjeż (inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 500/2022, mitluba mir-rikorrent) dawn għandhom jiġu sopportati kollha kemm huma mir-rikorrent."*

**Fatti**

2. Permezz tar-rikors ippreżentat minnu quddiem l-Ewwel Qorti, ir-rikorrent talab li l-intimat jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' erbatax-il elf, tliet mija u dsatax-il Euro u erbgħin ċenteżmu (€14,319.40) rappreżentanti l-bilanċ dovut minnu għax-xogħlijiet u materjal ipprovduti lilu mir-rikorrent fil-fond 'Michael Apartments', Triq San Mikiel, kantuniera ma' Triq San Franġisk, San Ġwann [minn issa 'il quddiem 'il-fond'], fuq inkarigu tiegħu stess.

3. L-intimat wieġeb li l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt, għaliex ir-rikorrent kien obbliga ruħhu li jlesti x-xogħol sa tnax-il ġimgħa minn meta kien ġie ffirmat il-kuntratt f'Novembru tal-2020, u għalkemm ix-xogħol beda f'Marzu, 2020, sa Diċembru, 2022 ma kienux għadhom tlestew ħafna mix-xogħlijiet skont il-kuntratt. L-intimat eċċepixxa wkoll li huwa kien bagħat ittra uffiċjali lir-rikorrent sabiex ilesti x-xogħlijiet pendenti sa ċertu

żmien, imma kien tard, u anki daħal fil-kwistjoni l-perit tal-intimat, imma minkejja diversi wegħdi r-rikorrrent baqa' inadempjenti. L-intimat eċċepixxa li huwa nefaq mal-ħdax-il elf u erba' mitt Euro (€11,400) fuq xogħol li kellu jagħmel ir-rikorrent sabiex ilesti x-xogħol tal-ġebel u l-bejt li kien baqgħalu jagħmel r-rikorrent, imma li kienu baqgħu ma sarux minnu, kif ukoll madwar ħamest elef, seba' mija u erbgħa u erbgħin Euro u tmenin ċenteżmu (€5,744.80) fi spejjeż u danni, li b'kollox jammontaw għal sbatax-il elf, mija u erbgħa u erbgħin Euro u tmenin ċenteżmu (€17,144.80). L-intimat qal li għalhekk huwa għandu jedd għall-ekwiparazzjoni, għaliex nefaq ftit aktar minn dak pretiż mir-rikorrent għal xogħol li kellu jsir mir-rikorrent u li baqa' ma sarx minnu.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

4. Permezz tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti iddeċidiet li t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu milqugħa biss limitatament sal-ammont ta' €490.96, u dan wara li l-Ewwel Qorti qieset ukoll id-danni sofferti mill-intimat li kellu raġuni valida biex iħoll il-kuntratt ta' bejn il-partijiet. L-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***"Kunsiderazzjonijiet legali***

*13. Għalkemm la r-rikors promutur u lanqas ir-risposta ma jagħmlu riferenza espressa għan-natura legali tar-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, huwa ċar li l-ftehim ta' bejniethom kien wieħed ta' appalt ċioe l-ftehim ta' meta l-appaltatur jiġi mqabbad minn appaltant (jew kommittent) sabiex jagħtih xi xogħol jew is-sengħa tiegħu, inkella li jagħtih ukoll il-materjal. (fn. 25: art. 1633 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).*

*14. Mhuwiex ikkontestat illi l-intimat ittermina b'mod unilaterali l-appalt mogħti lir-rikorrent. Għalkemm id-data tat-terminazzjoni ma ħarġitx b'mod ċar fix-xhieda jidher li dan seħħ f'xi żmien f'Jannar 2022 u ċioe ftit wara li kienet intbagħtet l-ittra*

*uffiċjali lir-rikorrent datata 20 ta' Diċembru, 2021 meta kien ingħata xahar minn dakinhar sabiex ilesti x-xogħlijiet pendenti. (fn. 26: fol. 102). Il-Qorti hija propensa toqgħod fuq id-dokumenti dettaljati ppreżentati mill-Perit tal-intimat, il-Perit Ivan Attard, u tieħu d-data indikata minnu fid-dokument esebit minnu bħala Dok. IA (fn. 27: fol. 53), ċioe dik tat-22 ta' Jannar, 2022 bħala l-ġurnata meta l-appalt ġie effettivament itterminat mill-intimat.*

*15. Dan id-dritt ta' terminazzjoni huwa eċċezzjoni għall-prinċipju legali li kuntratt għandu s-saħħa tal-liġi bejn il-partijiet u ma jistax jiġi xolt mingħajr il-kunsens tagħhom kollha. L-art. 1640 tal-Kap. 16 jiddisponi kif ġej:*

> '**1640 (1) Min jagħti x-xogħol jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt, għalkemm ix-xogħol ikun diġà beda.**
>
> **(2) Jekk ma jkunx hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi, iżda mhux iżjed mill-qligħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt.**
>
> **(3) Jekk ikun hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħed qies tal-utilità ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol lil min ikun ta x-xogħol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra.**
>
> **(4) Kull somma mogħtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel ma l-kuntratt ikun inħall għandha tiġi applikata għal dak dovut skont is-subartikolu (2) jew (3) u l-appaltatur għandu jrodd lil min ikun ta x-xogħol kull eċċess li jirriżulta.**
>
> **(5) Il-kuntratt jinħall immedjatament malli min ikun ta x-xogħol jinforma lill-appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-deċiżjoni tiegħu li jħoll il-kuntratt, u dan bla ħtieġa ta' ebda awtorità jew konferma mill-qorti.'**

*16. Kif ġa ngħad il-kawża ġiet miftuħa għall-ħlas tal-bilanċ ta' €14,319.40 li r-rikorrent jirritjeni li huwa dovut lilu bħala prezz ta' xogħol u materjal mogħti minnu abbażi tal-kuntratt in kwistjoni. L-intimat, għalkemm ma ressaq ebda kontrotalba, jgħid illi huwa m'għandu jagħti xejn għaliex ir-rikorrent ma lestiex ix-xogħlijiet u kellu filfatt ilesthom hu b'dan li sofra spejjeż u danni li jeċċedu l-ammont li kien ikun dovut lir-rikorrent.*

*17. Il-kompitu tal-Qorti huwa allura dak illi tiddermina fid-dawl tal-provi mressqa quddiemha jekk l-intimat bħala l-appaltant kellux raġuni tajba li jittermina l-kuntratt. F'każ li t-terminazzjoni ma tirriżultax li kienet ġustifikata, l-intimat ikun tenut iħallas lir-rikorrent mhux biss għall-ispejjeż u xogħol li wettaq, imma anke kumpens stabbilit mill-Qorti li ma jeċċedix il-qligħ li r-rikorrent seta' għamel b'dak l-appalt. Irid jingħad però li fir-rikors promutur ir-rikorrent ma ilmentax li din it-terminazzjoni kienet waħda mhux ġustifikata (fil-fatt kien biss fin-nota ta' sottomissjonijiet finali illi tqajjem dan il-punt mill-abbli difensur legali tiegħu) u wisq inqas talab li jingħata xi forma ta' kumpens għal tali terminazzjoni. Għalhekk f'każ li l-Qorti ssib illi l-intimat ma kellux raġuni valida li jwaqqaf lir-rikorrent, ir-rikorrent ikun intitolat biss għall-ammont li qed jirreklama bħala bilanċ tal-prezz tax-xogħol tiegħu, u għall-ebda ammont ieħor.*

*18. F'każ li jinstab li t-terminazzjoni kienet waħda ġustifikata, l-intimat ikollu jħallas biss lir-rikorrent, bħala appaltatur, l-ispejjeż li inkorra u l-valur tax-xogħol li wettaq u dan wara li jiġi kkunsidrat l-utilità tagħhom u d-danni li jkun sofra. Dan l-eżerċizzju effettivament jieħu s-sura tal-hekk imsejħa kompensazzjoni ġudizzjarja impropria. Filwaqt li t-tpaċija ġudizzjarja propria tirrikjedi illi jkun hemm żewġt idjun separati u awtonomi minn xulxin (i.e. mhux rapport wieħed li minnu jitnisslu pretensjonijiet reċiproċi tal-partijiet), dik impropria tippermetti illi fejn żewġ krediti/djun ikunu joriġinaw minn rapport kuntrattwali uniku l-ġudikant jista' xorta waħda jipproċedi illi jikkunsidra l-pretensjonijiet opposti sabiex jasal għal bilanċ wieħed dovut. (fn. 28: ara f'dan ir-rigward is-sentenza* ***<u>Farstone Construction and Restoration Limited v. Roderick Muscat</u>*** *(QMĊ, 15/05/2023, 296/2019). Fil-każ però illi ssib illi l-ammont dovut lill-intimat jiżboq dak dovut lir-rikorrent, l-unika ħaġa li tista' tagħmel il-Qorti hija illi tiċħad il-pretensjonijiet tar-rikorrent u mhux tiddikjara xi ammont dovut lill-intimat peress illi kif ġa ngħad dan tal-aħħar ma ntavola l-ebda kontrotalba.*

*19. Għalkemm il-leġislatur ma jagħtix definizzjoni tar-raġuni valida li hija meħtieġa sabiex l-appaltant jittermina l-appalt mogħti minnu, il-ġurisprudenza żviluppat dan il-kunċett b'mod eżawrenti:*

> "Illi dwar il-kwestjoni tar-raġuni għaliex l-appalt intemm, jingħad li huwa meqjus li dak li jikkostitwixxi raġuni tajba biex appalt jitwaqqaf mill-kommittent qabel il-waqt jista' jinġabar taħt il-kappa tan-nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt. Għalhekk, meta l-liġi ssemmi "raġuni valida" wieħed irid jifhem din il-frażi fid-dawl tal-imġiba tal-appaltatur waqt l-eżekuzzjoni tal-appalt. Trid tkun raġuni li tolqot direttament it-twettiq tar-rabta kuntrattwali tal-appaltatur mal-appaltant fis-sens tal-prestazzjoni (jew nuqqas tagħha) tiegħu taħt il-kuntratt tal-appalt. "Raġuni tajba", għall-finijiet tal-artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili ma tistax tinftiehem bħala "tajba

għall-appaltant għax hekk jaqbillu". Li kieku dawk il-kelmiet kellhom jitfissru b'dak il-mod, ikunu jġibu fix-xejn id-dispożizzjonijiet oħrajn tal-istess artikolu dwar il-kumpens dovut lill-appaltatur.

Illi bi qbil ma' dak li għadu kemm issemma, joħroġ li tali nuqqas jista' jseħħ jew bl-għoti ta' xogħol ħażin u mhux skont is-sengħa; jew bl-għoti ta' xogħol li, għalkemm fih innifsu jkun sar tajjeb, ma jkunx dak li ġie mitlub jew miftiehem; jew bin-nuqqas ta' twettiq f'waqtu jew mogħti b'dewmien eżaġerat jew lil hinn miż-żmien miftiehem; jew inkella fejn, bix-xogħol mibdi, jkun jidher li qiegħda ssir ħsara lill-ġid tal-istess kommittent ..." (*fn. 29: **Wayne Chetcuti et v. Raymond Borg** (PA, Ċit. Nru. 2264/1998/1 JRM, 29/09/2011). Ara wkoll **Cutajar Construction Limited v. Pierre P. Gregoire** (PA, Ċit Nru. 2840/1996/1 AE, 03/10/2013 li ġiet ikkonfermata fl-appell fid-29/03/2019) u **Terrence Mirabelli v. James Schembri** (PA Ċit. Nru. 1428/1999/1 PS, 31/01/2003)*

*20. Il-lanjanza prinċipali tal-intimat hija li r-rikorrent ma ssodisfax l-obbligu tiegħu illi jlesti x-xogħlijiet fi żmien tnax-il ġimgħa u li fil-fatt ix-xogħlijiet anqas ma ġew eżegwiti kollha. Mhux kontestat bejn il-partijiet illi l-ftehim kien illi x-xogħlijiet tar-rikorrent kellhom jitlestew fi żmien tnax-il ġmgħa u li kellhom jingħataw ġimagħtejn oħra bħala kontinġenza. Lanqas m'huwa kontestat illi bi qbil bejn il-partijiet l-appaltatur beda jaħdem f'Marzu 2021. Għalhekk huwa kellu bejn wieħed u ieħor sa Ġunju 2021 sabiex ilesti kollox. Però rriżulta illi sa Diċembru 2021 ix-xogħlijiet kienu għadhom ma tlestewx.*

*21. Il-punt ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet huwa proprju r-raġuni għalfejn kien hemm dan id-dewmien. Ir-rikorrent jisħaq illi huwa sab l-intoppi ma' wiċċu meta beda jaħdem billi kien hemm affarijiet li kellhom jitneħħew apparti ukoll illi l-intimat daħħal terzi perzuni biex jagħmlu xi xogħol u b'konsegwenza t'hekk ġie kkawżat id-dewmien. L-intimat jinsisti però illi l-vera kawża tad-dewmien kien it-tnikkir tal-bennej tar-rikorrent.*

*22. Fl-affidavit tiegħu ir-rikorrenti spjega kif:*

"Oriġinarjament, Michael Calleja kellu f'moħħu illi jiena kont ser inkun l-uniku Turnkey Contractor tal-binja. Kien għalhekk illi jiena kont oriġinarjament infurmajt li x-xogħol kellu jieħu ż-żmien ta' tnax-il ġimgħa b'ġimagħtejn ta' kontinġenza, liema żmien kien japplika biss għat-tkissir tal-washrooms, rimi u wara l-bini tal-appartament u l-bini tal-washrooms. Iżda wara kien aċċetta biss il-quotation tal-bini u kellhom jaħdmu diversi terzi persuni fl-istess żmien. Apparti hekk wara li ffirmajna l-ftehim u bdejna x-

> xogħol, huwa qalilna li hemm il-washing machines, pajpijiet tal-ilma u pajpijiet tal-ilma tax-xita, geġwiġija ta' wires tal-elettriku u cables tal-internet, telephone, eċċ tal-inkwilini ta' taħtu ġewwa l-fond tiegħu. Dan ikkawża ħafna telf ta' żmien mhux antiċipat għaliex ried jitneħħa kollox biex stajna naħdmu." (*fn. 31: fol. 23)*

*Qal ukoll fix-xhieda tiegħu kif l-intimat ried li l-proġett jaħdem* in stages*, ħaġa li l-intimat stess innegat iktar 'il quddiem in kontro-eżami.*

*23. Il-Qorti tqis illi l-verżjonijiet tal-partijiet huma pjuttost kontrastanti fejn it-tnejn jixħtu t-tort fuq xulxin għad-dewmien li ġie kkawżat. F'sitwazzjoni bħal din, il-Qorti tħoss illi għandha tagħti piż mhux ftit lill-provi mressqa mill-Perit Ivan Attard li minkejja li huwa perit* ex parte *madanakollu esebixxa provi dettaljati inkluż messaġġi li jixħtu dawl fuq dak li verament seħħ, li bl-ebda mod ma ġew innegati mir-rikorrent.*

*24. Permezz tar-rapport datat 13 ta' Frar, 2023 (fn. 32: Dok. IA 1 – fol. 53 et seq. Il-messaġġi rilevanti jibdew minn fol. 59 'il quddiem) il-Perit Attard ippreżenta numru ta' messaġġi li ġew skambjati bejnu, il-bennej Victor Gauci, l-intimat u t-tifel tiegħu David Calleja permezz ta' grupp fuq il-WhatsApp. Huwa spjega kif kien mit-28 ta' Ottubru, 2021 'il quddiem li ħass li kien neċessarju li jżid lir-rikorrent u lill-bennej tiegħu Victor Gauci fil-grupp u dan għaliex f'dak l-istadju kienu għaddew tmien (8) xhur mill-bidu tal-proġett u x-xogħol kien wieqaf.*

*25. Mill-qari ta' dawn il-messaġġi joħroġ li r-rikorrent qatt ma kkontesta dak li kien qed jiġi komunikat lilu. Per eżempju meta l-Perit widdbu illi:* "this has been going on way too far" (*b'riferenza għall-waqfien fix-xogħlijiet), li* "I cannot understand all these delays" *u li* "your attitude on site is not defensible from my end", *ir-rikorrent qatt ma pprova jiddefendi lilu nnifsu minn dak li kien qed jiġi attribwit lilu. Fl-istess ħin joħroġ ukoll illi l-perit innifsu kien qed jirrikonoxxi li tal-anqas inizjalment kienu nqalgħu xi problemi jew kumplikazzjonijiet fuq il-lant tax-xogħol. Madankollu l-perit kien ċar illi dawn ma kinux jiġġustifikaw il-kontinwazzjoni tad-dewmien min-naħa tar-rikorrent.*

*26. Jirrriżulta wkoll illi l-komunikazzjoni bejn ir-rikorrent u l-bennej tiegħu mhux dejjem kienet fil-pront tant illi ma kinitx l-ewwel darba illi l-perit jinduna li l-bennej ma jkunx ġie infurmat dwar xi żviluppi li l-partijiet ikunu ftiehmu fuqhom. (fn. 33: ara ad eżempju fol. 60 u 61). Drabi oħra, struzzjonijiet ċari tal-perit jidher li ġew injorati bħal per eżempju meta fis-26 ta' Novembru, 2021 dan kien avża lill-bennej li għandu immedjatament u qabel ma tibda x-xita li kienet prevista għall-ġurnata ta' wara, inaddaf il-materjal kollu (ramel u torba) li kien hemm fuq il-kontrabejt tal-*washrooms. *Madanakollu minn messsaġġ mibgħut mill-Perit aktar tard fl-istess ġurnata (fn. 34: fol. 62) jirriżulta illi fil-fatt il-ħaddiema tar-rikorrent kienu telqu minn fuq il-lant tax-*

*xogħol f'12pm mingħajr ma kienu għamlu x-xogħol mitlub. Fid-29 ta' Novembru, 2021 imbagħad it-tifel tal-intimat, ċertu David Calleja, bagħat* Health and Safety Report *li allegatament kien jinkludi numru ta' twissijiet mill-awtorità dwar nuqqasijiet fuq il-proġett. Fl-4 ta' Diċembru, 2021 l-istess David Calleja bagħat messaġġ indirizzat lir-rikorrent bis-segwenti kliem:* "Can you please advise what the plan on site is? Things seem to have gone quiet again with work only being carried out a couple of times this week. Main bathroom still not done, lift shaft not done. In addition to this no request for permit has been made suggesting no plans for finishing lift shaft. Note other workers are blocked from carrying out their work. I would just like to note that we are now close to nine months behind schedule." *Ma jidhirx li kienet intbagħtet tweġiba għal dak il-messaġġ. Li hu żgur però huwa illi xi ftit minuti wara l-bennej Victor Gauci telaq mill-grupp. Kien biss ftit jiem wara u ċioe fid-9 ta' Diċembru illi r-rikorrent bagħat messaġġ u dan kien fir-rigward ta' xi spejjeż addizzjonali illi l-bennej tiegħu kien qed jitlob.*

*27. Fis-17 ta' Diċembru, 2021 il-Perit reġa' fakkar dwar dawk ix-xogħlijiet li kien hemm pendenti (fn. 35: a fol. 64) iżda tant ma sar xejn li jidher li nħolqot in-neċessità ta'* meeting *ieħor* on site *u minkejja li fit-12 ta' Jannar, 2022 ir-rikorrent wiegħed li x-xogħol ikun lest sal-aħħar tal-ġimgħa (fn. 36: a fol. 66) (u dan anki in vista tal-fatt li l-Perit ikkonvinċa lill-intimat jikkonċedilu ġimgħa oħra biex iħalli lir-rikorrent ilesti x-xogħol) dan baqa' ma tlestiex.*

*28. Fir-rapport tiegħu tal-25 ta' Jannar, 2022 il-Perit Attard qal is-segwenti dwar id-dewmien in kwistjoni:*

> "Unfortunately the construction rate proved to be much slower than the agreed 3 months. Water ingress during the last week of October's heavy rains proved to be a disaster. I blamed this to a complete lack of coordination / Project Management of construction and finishing works. These heavy rains came at a very crucial point on site where someone had to take simple and logical decisions and assume responsibilities to carry out crucial work at the right time and correctly. The end result was a disaster ..
>
> ... during the past two and a half months, which in theory is close to the agreed duration of the whole project, the amount of construction man days on site was very very low."

*29. Jidher illi apparti li l-ħaddiema tal-bennej tar-rikorrent ma kinux qed imorru jaħdmu kemm suppost, kien hemm ukoll nuqqas ta' koordinazzjoni/*project management. *F'dan ir-rigward filwaqt li mix-xhieda ħareġ li donnu ħadd ma kien jaf*

*min kellu jikkoordina x-xogħlijiet tal-bini (l-intimat innifsu ġieli qal li kien hu l-*project manager *u ġieli qal li kellu jkun ir-rikorrent, ir-rikorrent qal li dan kien xogħol l-intimat, filwaqt li l-perit tenna li kellu jkun il-bennej li jagħmel dan ix-xogħol) jibqa' l-fatt illi r-rikorrent* ***assuma r-responsabbilità*** *illi jlesti x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni f'perijodu ta' tnax-il ġimgħa u f'każ ta' bżonn, ġimagħtejn oħra bħala kontinġenza. Din ir-responsabbilità r-rikorrent assumiha irrispettivament minn jekk kienx ser ikun l-uniku* Turnkey Contractor *tal-binja jew le. Dwar ix-xogħol żejjed illi r-rikorrent sostna illi sabu ma' wiċċhom (bħall-affarijiet li kellhom jitneħħew mill-appartamenti ta' taħt), wieħed jistenna illi r-rikorrent kellu jkun jaf* a priori *dwar l-ambjent tal-post fejn kien ser isir ix-xogħol inkluż l-affarijiet li setgħu jostakolaw l-andament tal-ħidma tiegħu. Lanqas ma seħħlu jipprova r-rikorrent illi huwa ġie ostakolat minn ħaddiema mqabbda mill-intimat u fil-fatt il-perit ikkonferma illi prinċipalment kien biss fl-aħħar ftit ġimgħat illi ħaddiema oħra tal-intimat kienu daħlu biex jagħmlu xi xogħlijiet.*

*30. Tenut kont tar-riżultanzi premessi din il-Qorti hi sodisfatta li l-intimat ittermina l-appalt minħabba tnikkir mhux raġonevoli da parti tar-rikorrent fl-eżekuzzjoni tal-appalt. Din ir-raġuni hija waħda valida li tolqot direttament it-twettiq tar-rabta kuntrattwali tar-rikorrent mal-intimat taħt il-kuntratt ta' bejniethom.*

***Kunsiderazzjoni dwar l-ammont dovut lir-rikorrent***

*31. Fir-rapport tiegħu tal-25 ta' Jannar, 2022 (fn. 37: fol. 71-72) il-Perit Attard apparti li għamel referenza għar-ritratti tal-istat tax-xogħlijiet li kienu saru, għamel elenku wkoll tax-xogħlijiet li kienu baqgħu pendenti (jew li kellhom jitranġaw) li fil-fehma tiegħu ma kinux jeċċedu ġimagħtejn xogħol:*

i. Demolition of the lower two three courses of the old washrooms.
ii. Breaking up and carting away of the concrete screed underneath the old washrooms.
iii. Carting away of a good percentage of the torba underneath the old concrete screed to achieve the intended floor to ceiling height. I estimate that there is more than 260 mm thickness of torba to be removed in places (vide photo).
iv. Five lintels need to be properly constructed (vide photos).
v. The new concrete screed at fifth floor level was agreed to be finished with a powerful finish. The bull float finish needs to be grinded to a smooth finish.
vi. The lift door to the fifth door level needs to be opened and finished. This has to be coordinated with lift engineers to make sure that this work is not being carried out whilst the lift is in operation mode.
vii. The 1.0m opramorta at the upper roof level was never tackled.

viii. The stairwell exceeds the height limitation of 18.6cm by less than one course. This has to be corrected.

ix. The quality of the concrete slab above the lift shaft is being tested. This might need to be demolished and re-casted.

x. All excess construction material must be carted away from site.

32. *Fir-rapport sussegwenti tiegħu tal-24 ta' Frar, 2022 (fn. 38: fol. 87-88) l-istess perit ħejja stima dettaljata tal-valur ta' dawk ix-xogħlijiet li ġew eżegwiti mir-rikorrent, liema valur ġie stabbilit li kien jammonta għal* ***<u>€39,083.94</u>*** *(bil-VAT inkluż). Ma tressqu l-ebda provi illi tali xogħlijiet, kif kwantifikati, ma kinux utli għall-intimat jew inkella li ma kinux skont is-sengħa u l-arti.*

33. *Minn dan l-ammont il-perit naqqas il-ħlasijiet li kienu ġew magħmula mill-intimat matul ix-xogħlijiet fl-ammont totali ta'* ***<u>€31,500</u>*** *biex b'hekk jirriżulta bilanċ ta' €7,583.94 favur ir-rikorrent. (fn. 39: ta' min jingħad illi ma tirriżultax illi qatt ġiet aċċettata mill-intimat, jew approvata mill-perit tiegħu, l-ispiża addizzjonali ta' €590 (inkluż il-VAT) għal* cranes/skip *li ġiet miżjuda fil-kont mir-rikorrent). Madanakollu kif ġia ngħad l-art. 1640(3) tal-Kap. 16 jipprovdi illi f'każ ta' terminazzjoni inġusta tal-appalt, mill-ammont dovut lill-appaltatur irid jitnaqqas dak l-ammont li jiġi likwidat bħala danni sofferti mill-appaltant – ċioe mill-intimat f'dan il-każ.*

34. *Skont ma xehed il-Perit Attard (fn. 40: fol. 40 u ara wkoll fol. 88) l-ingress tal-ilma kkawża danni lir-residenti tal-appartamenti fl-ammont ta' €4,559. Minn din is-somma skont il-perit, il-kumpannija tal-assigurazzjoni ħallset €2,109 biex b'hekk ġie li l-intimat sofra danni fl-ammont ta'* *<u>€2,450</u>*. *B'hekk skont il-Perit jirriżulta bilanċ ta'* ***<u>€5,133.94</u>*** *favur ir-rikorrent. Madanakollu l-Perit speċifika li huwa ma inkludiex danni oħra li seta' sofra l-intimat bħal* loss of rent*, ħlasijiet żejda li kellu jagħmel lis-*Site Technical Officer *u lill-*Health and Safety Officer*, u x-xogħlijiet żejda li l-intimat ta lill-kuntrattur il-ġdid. (fn. 41: fol. 41)*

35. *Skont ma xehed l-intimat, huwa nefaq* *<u>€11,400</u>* *sabiex ilesti x-xogħol li ma għamilx ir-rikorrent u sofra danni fl-ammont ta'* *<u>€5,744.80</u>*. *Dwar l-<u>€11,400</u> li ħallas lill-kuntrattur il-ġdid huwa esebixxa kopja ta' żewġ riċevuti fiskali (fn. 42: fol. 89) li juru l-ħlas ta' €4,400 lil ċertu Naief Mahmoud fl-20 ta' Jannar, 2022 għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni u l-ħlas ta' €7,000 lill-istess persuna fl-20 ta' Frar, 2022 għal xogħlijiet ta' "*repair and building".

36. *Dwar id-danni, l-intimat*

1. *esebixxa korrispondenza mal-Kunsill Lokali ta' San Ġwann li turi illi l-Kunsill kien qed jikkwotalu l-prezz ta'* *<u>€165.20</u>* *għall-għeluq tat-triq li jirrappreżenta l-ħlas dovut lil* enforcement officer *ta' Transport Malta*

*għal ħames sigħat fil-11 ta' Settembru, 2021). (fn. 43: fol. 91-93) Prova li tħallas dan l-ammont ma nġabitx;*

2. *esebixxa ukoll irċevuta li turi l-ħlas ta' €10 lill-Kunsill Lokali ta' San Ġwann fil-15 ta' April, 2021 għal permess sabiex tingħalaq it-triq; (fn. 44: fol. 94-95);*
3. *esebixxa kont ta' €96.41 maħruġ mill-Pulizija għas-servizz ta' uffiċjal tal-korp fil-15 ta' Marzu, 2021 minn 9.30 am sa 2.30pm. (fn 45: fol. 96). Mill-email esebita a fol. 97 jidher illi dan l-ammont ġie mħallas mir-rikorrent;*
4. *esebixxa irċevuta li juru* inter alia *l-ħlas lil AME Health and Safety Services Limited ta' €247.80, €123.90, €165.20 u €123.90 (flimkien ammontanti għal €660.80) għal OHS Services magħmula fit-13 t'Awwissu, 2021, 21 ta' Lulju, 2021, 9 ta' Lulju, 2021 u 22 ta' Settembru, 2021 rispettivament, li skont l-intimat nefaq għal xejn peress illi l-proġett ma kellux idum daqshekk; (fn. 46: fol. 99-101)*
5. *spjega illi tilef il-kirja prospettiva tal-post li kieku tlesta. Skont l-intimat fl-istess blokka tal-appartamenti kienu qed jinkrew bid-disa' mitt Euro (€900) fix-xahar. Madanakollu l-intimat ma kkwantifika l-ebda ammont f'dan ir-rigward;*
6. *esebixxa permezz ta' nota (fn. 47: fol. 105-111) sett ta'* quotations *u* invoices *li juru dawk l-ammonti li kienu ġew ikkwotati lilu f'Ġunju 2021 fir-rigward tax-xogħlijet tal-aluminium u kemm għolew fil-prezz meta reġgħu ġew kwotati lilu f'Jannar 2022. L-ammont li ħallas żejjed f'dan ir-rigward kien dak ta' €1,177.64.*

*37. Mill-assjem tal-valur tax-xogħlijiet kompletati kif ġew kwantifikati mill-perit u mil-lista tad-danni mitluba, mad-daqqa t'għajn jidher pjuttost ċar illi d-danni li sofra l-intimat jeċċedu l-ammont li kien ikun dovut lir-rikorrent bħala bilanċ tal-prezz tax-xogħlijiet li għamel.*

*38. Madanakollu l-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi l-provi mressqa mill-intimat fir-rigward tad-danni allegatament sofferti minnu huma xotti ferm, fil-biċċa l-kbira tagħhom ma jikkostitwixxux fl-aħjar prova li setgħu jinġiebu u uħud minnhom huma nieqsa mill-ġustifikazzjoni neċessarja sabiex il-Qorti tqishom bħala telf li l-intimat attwalment ġarrab minħabba l-inadempjenza tar-rikorrent.*

*39. Kif inhuwa magħruf, fis-sistema ġuridika tagħna waħda mir-regoli tradizzjonali tal-piż tal-prova timponi fuq dik il-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq ir-rikorrent li jsostni l-fatt favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu* (actori incumbit probatio)*, sija fuq l-intimat għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex*

*jikkontrasta l-pretiża tal-attur* (reus in excipiendo fit actor). *Ara Kollez. Vol. XLVI.i.5). F'dan is-sens, fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra. Fil-każ in eżami l-intimat kellu l-oneru jipprova lill-Qorti, skont ir-regoli u l-prinċipji legali stabbiliti, l-ammont ta' danni li sofra kawża tal-aġir tar-rikorrent li wassal għat-twaqqif tal-appalt. Wieħed minn dawn il-prinċipji huwa dak illi fi proċeduri ta' natura ċivili, parti għandha ġġib l-aħjar provi li tista' ġġib. Din hija regola li ntirtet mil-liġi komuni Ingliża fejn sabet il-bidu tagħha lejn nofs is-seklu tmintax. Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Omychund v. Barker*** *(fn. 48: Omychund v Barker (1745) 1 Atk. 21, 49; 26 ER 15, 33) Lord Harwicke stqarr illi* "the judges and sages of the law have laid it down that there is but one general rule of evidence, the best that the nature of the case will permit." *B'hekk per eżempju provi meqjusa bħala sekondarji bħal kopji ta' skrittura ma kinux jitqiesu ammissibli ġaladarba l-parti kellha l-obbigu li tipproduċi d-dokument oriġinali. Ir-razzjonal wara din ir-regola jista' jinftiehem l-iżjed fil-kuntest taż-żmien meta daħlet fis-seħħ. Fis-seklu tmintax fl-Ingilterra kopja ta' dokument kienet ħafna drabi tinkiteb bl-idejn minn skrivan jew anke minn litiganti nfushom u għalhekk kien faċli li jsiru żbalji jew saħansitra jiġi perpetrat qerq f'tali kopji. Fiż-żminijiet tal-lum però u bil-progress kbir li sar fl-industrija diġitali, dan ir-razzjonal ftit li xejn għadu jagħmel sens. Fl-Ingilterra u Wales fil-fatt din ir-regola ġiet ristretta għal każijiet fejn litigant jagħżel b'kapriċċ illi jesebixxi kopji ta' dokumenti pertinenti għall-każ tiegħu minflok ma jesebixxi l-oriġinali. It-tendenza hija ukoll illi anke fil-każijiet fejn parti tressaq prova sekondarja mingħajr ġustifikazzjoni, il-Qorti tqis tali prova b'mod sfavorevoli fir-rigward tal-piż probatorju tagħha u mhux tiddikjaraha inammissibbli.*

*40. Fis-sentenza mogħtija fl-1969 mill-Qorti tal-Appell Ingliża fl-ismijiet* ***Garton v. Hunter*** *(fn. 49: Garton v. Hunter (1969) 1 All ER 451, (1969) 2 QB 37) Lord Denning qal:* "nowadays we do not confine ourselves to the best evidence. We admit all the best evidence. The goodness or badness of it goes only to weight and not to admissibility." *Ftit iżjed minn tletin sena wara fl-istess Qorti, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Masquerade Music Ltd & Ors v Springsteen*** *(fn. 50: Masquerade Music Ltd & Ors v Springsteen (2001) EWCA Ċiv. 513 (10 ta' April, 2001), Lord Jonathan Parker iddikjara li:*

> "In my judgment, the time has now come when it can be said with confidence that the best evidence rule, long on its deathbed, has finally expired. In every case where a party seeks to adduce secondary evidence of the contents of a document, it is a matter for the court to decide, in the light of all the circumstances of the case, what (if any) weight to attach to that evidence. Where the party seeking to adduce the secondary evidence could readily produce the document, it may be

> expected that (absent some special circumstances) the court will decline to admit the secondary evidence on the ground that it is worthless. At the other extreme, where the party seeking to adduce the secondary evidence genuinely cannot produce the document, it may be expected that (absent some special circumstances) the court will admit the secondary evidence and attach such weight to it as it considers appropriate in all the circumstances. In cases falling between those two extremes, it is for the court to make a judgment as to whether in all the circumstances any weight should be attached to the secondary evidence. Thus, the "admissibility" of secondary evidence of the contents of documents is, in my judgment, entirely dependant upon whether or not any weight is to be attached to that evidence. And whether or not any weight is to be attached to such secondary evidence is a matter for the court to decide, taking into account all the circumstances of the particular case."

*41. Fil-każ tal-liġi Maltija, l-artikolu tal-liġi li jipprovdi għal din ir-regola huwa suċċint:*

> "**559. Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib.**"

*42. Anke mad-daqqa t'għajn għalhekk huwa ċar illi l-obbligu li għandha parti f'kawża mhuwiex illi jġib l-aqwa prova iżda li jġib l-aqwa prova **li jista' jġib**. Fejn huwa impossibbli jew diffiċli għal dik il-parti li ġġib l-aqwa prova, il-Qorti tiżbalja jekk tqis inammissibbli l-provi sekondarji li jistgħu jinġiebu – li wara kollox ikunu l-aqwa prova li dik il-parti setgħet b'mod raġonevoli tressaq.*

*43. Fil-ġurisprudenza lokali għalkemm il-Qrati qatt ma ddejqu japplikaw din ir-regola b'mod rigoruż, jidher li daħlet tendenza illi r-regola tiġi rilassata meta l-provi miġjuba **ma jkunux ġew kontestati mill-parti l-oħra**, anke meta dokumenti li jinġiebu biex isaħħu tali provi ma jkunux ġew ġuramentati.*

*44. Fis-sentenza fl-ismijiet **Martina Farrugia et v. Carmel Farrugia** (Rik. 27/14/1, 26/05/2017), il-kawża kienet tittratta prinċipalment talba għall-manteniment mir-rikorrenti fil-konfront ta' missierhom minkejja li kienu laħqu l-età ta' tmintax-il sena u dan peress li kienu għadhom qed jistudjaw fuq bażi* full-time. *L-ulied xehdu permezz ta' affidavit illi huma kienu qed jattendu l-Università fuq bażi full-time u li kienu qegħdin jistudjaw għal-lawriji fil-B.A. (Tourism Studies), fil-każ tat-tifla, u fil-B.Sc. (Earth Systems) fil-każ tat-tifel. Esebew ukoll emails mibgħuta mir-Reġistratur tal-Università ta' Malta li jattestaw għall-fatt li huma kienu għadhom qed jistudjaw l-*

*Università. L-intimat ma xehedx u lanqas ressaq provi. L-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti u ffissat somma bħala manteniment li kellu jħallas l-intimat lil uliedu. L-intimat appella mid-deċiżjoni* inter alia *bl-aggravju "*illi l-Ewwel Qorti injorat kompletament in-norma legali li għandha tinġieb l-aħjar prova, in kwantu kellu jirriżultalha li l-atturi naqsu milli jressqu l-aħjar prova illi huma kienu verament qegħdin jattendu kors universitarju full-time." *Skont l-intimat, "*l-atturi setgħu ressqu rappreżentant tal-Università ta' Malta sabiex jikkonferma li l-aħwa Farrugia kienu għadhom isegwu kors universitarju qabel ma għalqu t-tlieta u għoxrin sena. Kienu l-atturi li kellhom l-oneru tal-prova tal-fatt sostnut minnhom, u huma ma tellgħu ebda prova oħra sabiex jikkorroboraw id-dokumenti preżentati minnhom." *Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) ċaħdet dan l-aggravju u qalet hekk:*

> "Il-Qorti tirrileva illi għalkemm ebda wieħed mid-dokumenti ma huwa ġuramentat, jibqa' l-fatt li hemm ix-xhieda mhux kontradetta tal-atturi aħwa Farrugia illi fiha bil-ġurament tagħhom jikkonfermaw illi huma baqgħu studenti full-time wara li għalqu t-18-il sena u indikaw addirittura l-ammont li jipperċepixxu fi stipendju ta' kull xahar.Id-dokumenti minnhom ippreżentati jikkonfortaw din ix-xhieda, u għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel Qorti kellhom provi suffiċjenti sabiex fuq bażi ta' probabbilità u verosimiljanza tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha u din il-Qorti ma tikkonsidrax li jeżistu ċ-ċirkostanzi stabbiliti fil-ġurisprudenza sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti fir-rigward ... il-konklużjoni premessa ssib ukoll konfort mill-fatt li mill-atti jirriżulta li, minkejja diversi differimenti mogħtija lill-konvenut mill-ewwel Qorti sabiex dan iressaq il-provi tiegħu jew jikkontroeżamina x-xhieda tal-atturi dan baqa' passiv u ma ressaq ebda prova diretta biex tikkontrasta l-provi tal-atturi, u dan minkejja li fl-udjenza tas-16 ta' April, 2015 il-kawża kienet ġiet differita għall-aħħar darba għall-provi tal-konvenut u jekk jibqa' ma jsir xejn il-Qorti ser tgħaddi għas-sentenza fuq il-provi li għandha. Għaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat u qed jiġi miċħud."

*45. Fis-sentenza mogħtija mill-istess Qorti fl-ismijiet **__Simone Eve Collett Sammut et v. Adam Sammut et__**, (Rik. 1047/2014/1, 17/03/2021) l-appellanti ressqu l-aggravju illi bosta dokumenti li kienu ġew ippreżentati mir-rikorrenti quddiem l-Ewwel Qorti ma kinux ġew debitament ikkonfermati bil-ġurament u għalhekk ma kellhomx jingħataw wisq importanza, kif ukoll li t-testment ippreżentat mar-rikors promutur ma setax jitqies bħala l-aħjar prova għaliex ma tressqux provi li jaċċertaw li dan kien*

*l-aħħar testment ta' omm il-kontendenti fil-kawża. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) stqarret is-segwenti:*

> "Il-prinċipju ewlieni li jirregola l-piż probatorju jibqa' dejjem li min jallega jrid jipprova, jiġifieri onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa obbligu ta' min iressaq il-kawża quddiem il-Qorti sabiex jesebixxi d-dokumenti kollha rilevanti għall-każ tiegħu. Inoltre l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi li għandha tinġieb quddiem il-Qorti l-aħjar prova, obbligu tal-partijiet fil-kawża. Huwa minnu, li fl-istess dispożizzjoni jingħad li, il-Qorti għandha dritt tesiġi li titressaq l-aħjar prova, iżda l-fatt li l-ewwel Qorti aċċettat il-produzzjoni ta' numru ta' dokumenti li mhumiex ġuramentati, ma jfissirx li l-ewwel Qorti kellha xi obbligu li tikkonduċi l-provi tal-partijiet hija stess (ara sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' April, 2009, fil-kawża fl-ismijiet Nicola Ciantar & Sons Limited v. General Provisions Company Limited). Madankollu jiġi osservat ukoll li l-konvenut appellant qatt ma kkontesta l-validità tad-dokumenti jew l-awtentiċità tal-istess dokumenti mressqa mill-atturi appellati, ħlief fl-istadju tal-appell ... Kwindi għalkemm din il-Qorti tqis li huwa minnu li kien ikun aħjar li l-atturi appellati jikkonfermaw bil-ġurament id-dokumenti kollha esebiti minnhom, u li jressqu riċerki testamentarji li jixhdu li t-testment in atti kien l-aħħar wieħed ta' ommhom, din il-Qorti ma tistax twarrab l-istess dokumenti mressqa minnhom, minkejja n-nuqqas li dawn jiġu debitament ġuramentati, u li jitressqu r-riċerki testamentarji, daqslikieku ma tressqu provi ta' xejn."

46. *Fil-każ in eżami, l-intimat deherlu li għandu jistrieħ prinċipalment fuq il-*quotations, invoices *jew irċevuti rilaxxati lilu minn terzi (esebiti minnu bil-ġurament) mingħajr ma dawn ġew ikkonfermati mill-persuni li suppost ħarġuhom. Il-Qorti tħoss illi kien ikun ferm aktar għaqli li kieku l-intimat tella' l-persuni in kwistjoni sabiex jikkonfermaw bil-ġurament tagħhom tali dokumenti. Mill-banda l-oħra l-Qorti lanqas ma tista' tinjora l-fatt illi fl-ebda stadju ta' din il-kawża ma kien hemm xi kontestazzjoni mir-rikorrenti fir-rigward ta' dawn id-dokumenti. Għalhekk minkejja illi l-konduċiment tal-provi seta' sar b'mod ferm iktar rigoruż u attent, il-Qorti tqis illi sa fejn huwa possibbli hija għandha tieħu dawn il-*quotations, invoices *u irċevuti in konsiderazzjoni, bħala provi ammissibbli, fil-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-intimat.*

47. *Il-Qorti sejra għalhekk telenka wieħed wieħed dawk id-danni li qed taċċetta li ġew ippruvati kif ukoll dawk li sejra tiskarta stante illi ma jissodisfawx it-test minimu tal-bilanċ tal-probabbiltajiet:*

1. *Danni kkawżati lir-residenti: €2,450. Il-Qorti sejra tinjora l-ammont reklamat mill-perit tal-intimat bħala dak l-ammont li ma ġiex kopert mill-assigurazzjoni fir-rigward ta' danni kkawżati lir-residenti. Dan għaliex f'dan il-każ mhux biss ma tressqu l-ebda xhieda sabiex jikkonfermaw id-danni (xi ħaġa li kif ingħad aktar 'il fuq il-Qorti kienet tkun lesta tinjora fil-preżenza ta' provi sekondarji) iżda inoltre ma tressqet l-ebda prova sekondarja ossia dokumentarja in sostenn tal-allegati danni.*

2. *Ammont imħallas lill-kuntrattur il-ġdid: €11,400. Għar-raġunijiet fuq esposti l-Qorti sejra tqis bħala ammissibbli l-irċevuti esebiti mill-intimat anke jekk dawn ma ġewx ikkonfermati bil-ġurament mill-persuna li ħarġithom. Fir-rigward ta' dan l-ammont l-intimat xehed illi dan kien il-prezz li ħallas il-bennej il-ġdid sabiex jagħmel dawk ix-xogħlijiet li ma lestiex ir-rikorrent. Mitlub mill-Qorti jikkonferma jekk ix-xogħlijiet li qabbad jagħmel lill-bennej il-ġdid kinux iżjed minn dak li kellu jagħmel oriġinarjament ir-rikorrent, l-intimat wieġeb li fil-biċċa l-kbira kienu l-istess. Jiġifieri fi kliem ieħor is-somma ta' €11,400 tirrappreżenta l-prezz tax-xogħlijiet li kellu jwettaq ir-rikorrent iżda li minflok twettqu mill-bennej il-ġdid. Il-Qorti għalhekk ma tistax tqis illi dan l-ammont* ***kollu*** *jirrappreżenta d-danni attwali sofferti mill-intimat. It-telf però huwa dak l-ammont illi l-intimat kellu jħallas* ***żejjed*** *sabiex xogħol li kellu jagħmel ir-rikorrent, isir minn terz. F'dan ir-rigward skont ma xehed il-perit tal-intimat, il-valur ta' dawk ix-xogħlijiet li ġew eżegwiti mir-rikorrent kien jammonta għal €39,083.94. Il-valur tax-xogħol kollu miftiehem skont il-ftehim ta' bejn il-partijiet kien dak ta' €45,229.40. Li jfisser illi l-valur ta' dawk ix-xogħlijiet li ma tlestewx mir-rikorrent kien dak ta' €6,145.46. Għalhekk il-figura li tirrappreżenta tassew it-telf li ġarrab l-intimat hija d-differenza bejn dan l-ammont (€6,145.46) u l-ammont li kellu jħallas lil terz sabiex iwettaq dak l-istess xogħol (€11,400), ossia dik ta'* ***€5,254.54.***

3. *Ħlas ta' €165.20 lill-Kunsill Lokali ta' San Ġwann għas-servizzi ta' enforcement officer għall-għeluq ta' triq. Dan l-ammont sejjer jiġi skartat stante illi ma tressqet l-ebda prova ta' ħlas.*

4. *Ħlas ta' €10 lill-Kunsill Lokali ta' San Ġwann fil-15 ta' April, 2021 għal permess sabiex tingħalaq it-triq. Il-Qorti sejra wkoll tiskarta dan l-ammont stante illi l-ħlas sar f'perijodu fejn ir-rikorrent kien għadu*

*kemm beda jwettaq ix-xogħlijiet u ma tressqet l-ebda prova illi t-triq kienet ingħalqet għal xejn b'tort tar-rikorrent.*

5. *Għall-istess raġuni l-Qorti sejra tiskarta l-ħlas ta'* ***<u>€96.41</u>*** *lill-Pulizija għas-servizz ta' uffiċjal tal-korp fil-15 ta' Marzu, 2021.*
6. *Il-ħlas ta'* ***<u>€660.80</u>*** *lil AME Health and Safety Services Limited. Il-Qorti sejra taċċetta dan l-ammont bħala danni sofferti mill-intimat peress illi s-servizzi in kwistjoni ġew mogħtija f'perijodu (i.e. Lulju, Awwissu u Settembru 2021) meta suppost ir-rikorrent kien diġà eżegwixxa x-xogħlijiet kollha miftiehma.*
7. *Il-kirja prospettiva tal-fond. Il-Qorti sejra tiskarta kwalunkwe ammont f'dan ir-rigward peress illi ma tressqet l-ebda prova li ssostni l-allegazzjoni tal-intimat.*
8. *Il-ħlas ta'* ***<u>€1,177.64</u>*** *rappreżentanti ħlas żejjed għall-provvista ta' xogħlijiet ta' aluminium. Il-Qorti sejra taċċetta dan l-ammont peress illi jidher mid-dokumenti esebiti li verament l-intimat spiċċa jħallas iżjed għall-istess xogħol li kien ġie kwotat lilu preċedentement, liema differenza fil-prezz kienet ikkawżata mid-dewmien mhux ġustifikat min-naħa tar-rikorrent sabiex ilesti xogħlu.*

*48. Għalhekk id-danni li ġew sofferti mill-intimat jammontaw b'kollox għal* ***<u>€7,092.98</u>***. *Jekk tnaqqas dan l-ammont mill-bilanċ li kien altrimenti jkun dovut lir-rikorrent, ossia dak ta' €7,583.94 (fn. 51: fol. 88) jirriżulta illi l-bilanċ finali dovut lilu huwa dak ta'* ***<u>€490.96</u>***.*"*

## <u>L-Appell</u>

5. Fir-rikors tal-appell imressaq fil-21 ta' Frar, 2024, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti jogħġobha tilqa' l-appell intavolat minnu, billi tirriforma s-sentenza appellata, u konsegwentement tilqa' t-talba tiegħu fl-intier tagħha, u tikkundanna lill-intimat sabiex iħallsu s-somma komplessiva ta' erbatax-il elf, tliet mija u dsatax-il Euro u erbgħin ċenteżmu (€14,319.40) bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-avviż. L-appell tal-appellant huwa bbażat fuq żewġ aggravji ewlenin: (i) l-applikazzjoni skorretta tal-liġi dwar jekk l-appellat setax iħoll il-

kuntratt ta' bejn il-partijiet, u jekk it-terminazzjoni saritx skont il-liġi, u jekk l-appellat kienx awtorizzat jinkorri spejjeż; u (ii) l-apprezzament ħażin tal-provi fir-rigward tad-data tat-terminazzjoni tal-appalt.

6. L-appellant spjega li huwa kien ġie inkarigat mill-appellat Calleja sabiex jagħmillu xi xogħol fil-fond tiegħu, liema xogħol kien jikkonsisti fit-twaqqigħ ta' bini, il-kostruzzjoni ta' appartament u *washrooms,* il-kontra-bejt u l-bini ta' opramorta. L-appellant qal li l-partijiet qablu li dan ix-xogħol kellu jitlesta fi żmien tnax-il ġimgħa, b'ġimagħtejn ta' kontinġenza. Qal li dan iż-żmien kellu japplika biss għad-demolizzjoni tal-*washrooms,* għar-rimi u sussegwentement għall-kostruzzjoni tal-appartament u l-*washrooms.* Qal li minħabba numru ta' nuqqasijiet attribwibbli lill-appellat, dan ix-xogħol ma setax jiġi eżegwit fiż-żmien miftiehem. L-appellant qal ukoll li wara li ġie interpellat permezz ta' ittra uffiċjali, u ngħata xahar żmien biex ilesti x-xogħlijiet, huwa xorta waħda sab li ma setax ikompli x-xogħol li kien fadal, u għalhekk l-appellat, mingħajr raġuni valida fil-liġi, ittermina l-appalt. L-appellant qal li huwa istitwixxa l-proċeduri odjerni meta l-appellat naqas milli jħallsu l-ammont miftiehem bejn il-partijiet.

7. L-appellant qal li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li kien hemm raġuni valida sabiex l-appellat iħoll il-kuntratt bejn il-partijiet, kienet waħda żbaljata. L-appellant qal li l-appalt in kwistjoni ġie tterminat mill-appellat b'mod unilaterali, mhux biss mingħajr ma kien għadda ż-żmien konċess mill-appellat fl-ittra uffiċjali, imma fi kwalunkwe każ mingħajr ma kien hemm raġuni valida għal tali terminazzjoni. Hawnhekk l-appellant għamel riferiment għall-artikolu 1640(3) tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid li meta persuna li tagħti x-xogħol ikollha raġuni valida fil-liġi sabiex tittermina l-appalt, dik il-persuna li tagħti x-xogħol għandha dritt li

tittermina l-appalt sakemm dik l-istess persuna tħallas lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol, u dan wara li tieħu in konsiderazzjoni l-ispejjeż u d-danni li sofra min ta x-xogħol. L-appellant qal li l-appellat ittermina l-appalt bi ksur tal-liġi, għaliex naqas milli jħallsu l-ispejjeż u l-valur tax-xogħol magħmul minnu. Qal ukoll li l-allegati danni li qegħdin jintalbu mill-appellat ġew inkorsi wara li ġie tterminat l-appalt, u għalhekk huwa ma jistax jinżamm responsabbli għal tali danni. L-appellant qal ukoll li l-appellat ma kellu l-ebda jedd jinkorri spejjeż u/jew jagħmel xogħlijiet oħra mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, u jippretendi xi tpaċija mal-ammonti dovuti lill-appellant.

8. L-appellant qal li fi kwalunkwe każ kellha ssir prova li saret it-terminazzjoni u meta saret. Qal li jekk l-Ewwel Qorti kkonkludiet li ma kienx hemm prova dwar meta saret it-terminazzjoni, l-Ewwel Qorti ma setgħetx tinferixxi dan minn dokument li ppreżenta l-perit tal-appellat. Qal li ladarba ma ġiex ippruvat li kien hemm terminazzjoni, u din meta saret, kien jeħtieġ li t-terminazzjoni ssir mill-Qorti, u dan qabel l-appellat jinkorri l-allegati danni.

9. B'riferiment għat-tieni aggravju tiegħu, l-appellant qal li l-Ewwel Qorti injorat għal kollox il-fatt li d-dewmien huwa attribwibbli lill-appellat, u straħet fuq rapport tal-perit tal-appellat sabiex waslet għall-konklużjonijiet tagħha. L-appellant qal li meta l-appellat inkarigah sabiex jagħmillu x-xogħol, l-appellat kien infurmah li huwa kien ser ikun l-uniku *turnkey contractor* li ser jagħmel ix-xogħlijiet fil-fond mertu tal-kawża, u abbażi ta' din il-kundizzjoni l-appellat kien qabel li x-xogħlijiet isiru u jitlestew fi żmien tnax-il ġimgħa, b'estensjoni ta' ġimagħtejn oħra bħala kontinġenza. L-appellant qal li minkejja li kien hemm dan

il-ftehim bejn il-partijiet, l-appellat wara li kienu bdew ix-xogħlijiet, kien infurmah li kienu ser jiġu ingaġġati diversi persuni oħra sabiex jagħmlu xogħol ieħor fil-fond in kwistjoni, inkluż xogħlijiet ta' dawl u ilma, liema xogħlijiet kellhom isiru fil-perijodu li fih kien qiegħed jaħdem l-appellant. Qal ukoll li minkejja li huwa kien dispost li jibda bix-xogħlijiet, wara li ġie ffirmat il-ftehim bejn il-partijiet, l-appellat kien infurmah li qabel jibdew ix-xogħlijiet ta' twaqqiegħ, kellhom jitneħħew diversi affarijiet tal-inkwilini ta' taħt, liema xogħol kellu jsir minn terzi, u dan ikkaġuna dewmien. L-appellant qal li dan kollu ġie injorat mill-Ewwel Qorti. L-appellant qal li dan kollu ġie kkonfermat mill-bennej Victor Gauci. Qal ukoll li l-bennej ikkonferma fl-*affidavit* tiegħu li l-appellat assuma r-rwol ta' *project manager* f'dan il-proġett, u għalhekk huwa kien responsabbli għad-dewmien. L-appellant qal li għalhekk fl-ebda waqt huwa ma kellu jitqies li naqas fl-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet. Qal li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata wkoll meta kkonkludiet li d-data tat-terminazzjoni tal-appalt kellha titqies li hija t-22 ta' Jannar, 2022. Qal li huwa ġie notifikat bl-ittra uffiċjali fis-7 ta' Jannar, 2022, u għalhekk it-terminu mogħti lilu għat-tlestija tax-xogħlijiet li kien fadal, kellu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika, u mhux mid-data tal-ittra uffiċjali.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

10. L-appellat fir-risposta tiegħu wieġeb li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija ġusta u timmerita konferma. Qal li l-Ewwel Qorti kellha raġun tikkonkludi li kien hemm raġuni valida sabiex l-appalt jiġi tterminat, u l-appellat kien għalhekk awtorizzat jinkorri spejjeż. Qal li l-appellat kellu jingaġġa l-perit tiegħu sabiex jagħmel lista tax-xogħlijiet li tħallew pendenti, u l-appellant ingħata diversi

ġimgħat sabiex ilesti x-xogħol, iżda dan baqa' m'għamlux, u fl-istess ħin l-appellat kellu l-binja esposta għall-elementi. L-appellat qal ukoll li kien hu li ġie abbandunat mill-appellant, u huwa kien ilu diversi xhur jistenna lill-kuntrattur ilesti x-xogħol, minkejja li dan ġie interpellat mill-perit u mill-avukat tiegħu. Qal ukoll li kien għalhekk l-appellant tilef il-fiduċja tiegħu, ladarba huwa kien ingħata biżżejjed żmien sabiex ilesti u xorta waħda ma lestiex. Qal li kien hemm dewmien esaġerat min-naħa tal-appellant li ma ħallielu l-ebda għażla għajr li jsib terzi sabiex jikkonkludu x-xogħol huma.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

11. Din il-Qorti sejra tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat.

*L-Ewwel Aggravju:* *[Applikazzjoni skorretta tal-liġi dwar it-terminazzjoni tal-kuntratt]*

12. L-appellant jikkontendi li l-Ewwel Qorti għamlet diversi konsiderazzjonijiet żbaljati dwar il-mod kif l-appellat ittermina l-appalt, u dan partikolarment għaliex qieset li kien hemm raġuni valida għall-ħall tal-kuntratt bejn il-partijiet. L-appellant jgħid li t-terminazzjoni saret b'mod unilaterali mill-appellat, li ma kellu l-ebda raġuni valida jittermina l-appalt, u ċċita l-artikolu 1640(3) tal-Kodiċi Ċivili sabiex isostni li huwa kellu jedd jitħallas għall-ispejjeż u għall-valur tax-xogħol magħmul minnu. L-appellant qal ukoll li d-danni sofferti mill-appellat ġew inkorsi minnu wara li ġie tterminat l-appalt. L-appellant qal li

l-appellat ma kellux jedd jinkorri spejjeż jew jagħmel xogħlijiet fil-fond mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, u sussegwentement jippretendi xi tpaċija mal-flus li kellhom jitħallsu minnu lill-appellant. L-appellant qal ukoll li l-Ewwel Qorti lanqas ma kellha tasal għall-konklużjoni dwar id-data meta saret it-terminazzjoni tal-appalt minn dokument imħejji mill-perit tal-appellat.

13. Il-Qorti tirrileva li mill-provi jirriżulta li għalkemm il-perijodu ta' żmien mifthiem bejn il-partijiet għat-twettiq tal-appalt, jiġifieri tnax-il ġimgħa, b'ġimagħtejn kontinġenza, ix-xogħol li kellu jsir mill-appellant twal ħafna aktar minn hekk, tant hu hekk li wara li kienu għaddew aktar minn disa' xhur, dan ix-xogħol kien għadu ma tlestiex. L-appellant jipprova jiġġustifika għal liema raġuni dan ix-xogħol baqa' ma tlestiex minnu, inkluż billi jgħid li huwa kellu jkun l-uniku *turnkey contractor* li jaħdem fuq dan il-proġett, imma sussegwentement sab li kien hemm persuni oħrajn li ġew ingaġġati mill-appellat, li bdew jagħmlu x-xogħol fil-fond fl-istess żmien li kien qiegħed jaħdem fih hu. Dan iżda ma jiġġustifikax il-fatt li meta l-perit tal-appellat talab li jitneħħa materjal tal-kostruzzjoni minn fuq il-kontrabejt minħabba li kien previst il-maltemp, dan il-materjal baqa' ma tneħħiex, u minkejja li l-ħaddiema tal-appellant telqu minn fuq is-sit f'nofsinhar. L-appellant lanqas ma jispjega għal liema raġuni fl-aħħar ġimgħat qabel ma ġie tterminat l-appalt, għaddew ġranet sħaħ li matulhom l-ebda wieħed mill-ħaddiema tiegħu ma resaq lejn il-lant tax-xogħol, jew għal liema raġuni ma nkisbu l-ebda permessi sabiex isir ix-xogħol meħtieġ fil-*lift shaft,* jew għal liema raġuni x-xogħol meħtieġ fil-kamra tal-banju prinċipali kien għadu ma bediex f'Jannar tal-2022. Jirriżulta wkoll li l-perit tal-appellat ġibed l-attenzjoni tal-appellant għall-fatt li kien hemm nuqqas ta' koordinazzjoni fuq is-sit, u għall-fatt li l-ħaddiema tal-appellant ma kinux qegħdin imorru jaħdmu

kemm suppost, minkejja r-restrizzjonijiet ta' żmien imposti fuqhom għat-tlestija tal-proġett. Kienu dawn uħud mir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għall-konklużjoni li t-terminazzjoni tal-appalt kienet waħda ġustifikata. Jirriżulta wkoll li kienet saret laqgħa bejn il-partijiet fit-12 ta' Jannar, 2022 wara li ntbagħtu bosta messaġġi lil xulxin li ma taw l-ebda riżultat, u waqt din il-laqgħa l-appellant wiegħed li kien ser ilesti x-xogħol sal-aħħar tal-ġimgħa, xi ħaġa li baqgħet ma saritx. Din il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-messaġġi li ntbagħtu, u l-fatt li għal uħud minn dawn il-messaġġi ma kien hemm l-ebda risposta min-naħa tal-appellant, sabiex b'hekk irriżulta tnikkir inġustifikat, u tfixkil anki biex jitkompla x-xogħol li kellu jsir minn terzi li kienu ingaġġati separatament mill-appellant. Mill-provi jirriżulta li l-appellat tilef il-fiduċja tiegħu fl-appellant, meta dan m'għamel l-ebda xogħlijiet sabiex jipprevjeni ħsara kkawżata minn ingress tal-ilma wara li kien previst il-maltemp, u ħalla l-post espost għall-elementi. Ċertament li quddiem sitwazzjoni bħal din, fejn ġie ppruvat li l-appellat sofra ħsara minħabba fl-ingress tal-ilma fil-fond, l-uniku obbligu li kellu l-appellat kien li jassigura li jimmitiga d-danni sofferti minnu u possibilment minn terzi, u għaldaqstant żgur li m'hemm xejn raġonevoli fl-aspettattiva tal-appellant fejn jgħid li l-appellat kellu jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti qabel jinkorri xi spejjeż fil-fond. Li kieku l-appellat għamel hekk, kien ikompli jkabbar id-danni sofferti minnu. Wara li l-appellant tnikker u dewwem ix-xogħol aktar milli kien mifthiem u aktar milli kien meħtieġ, l-appellant ma setax jiġi quddiem din il-Qorti u jsostni li d-danni sofferti mill-appellat ġew inkorsi wara li ġie tterminat l-appalt, u li għalhekk dawn id-danni ma kellhomx jiġu kkalkulati mill-Ewwel Qorti. Dawn id-danni ġew sofferti mill-appellat konsegwenza diretta tal-fatt li l-appellant naqas milli jonora l-obbligi tiegħu, u għal bosta ġimgħat naqas milli jibgħat il-ħaddiema

tiegħu fuq il-post sabiex ikomplu bix-xogħol, u dan minkejja d-diversi interpellazzjonijiet li saru anki min-naħa tal-perit tal-proġett, u kien minħabba f'hekk li ġew ingaġġjati terzi sabiex jagħmlu x-xogħlijiet meħtieġa huma. L-Ewwel Qorti għamlet il-komputazzjoni tagħha fir-rigward tal-pretensjoni tal-appellant u d-danni li l-appellat ipprova li sofra, u waslet għall-konklużjoni li t-talba tal-appellant għandha tiġi milqugħha limitatament fis-somma ta' €490.96. Din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fl-evalwazzjoni tal-provi li saret mill-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward. L-appellant jgħid ukoll li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni tagħha dwar id-data meta seħħet it-terminazzjoni minn dokument imħejji mill-perit tal-appellat. L-Ewwel Qorti kkonstatat li ma kienx faċli għaliha li mill-provi prodotti tasal għall-konklużjoni dwar id-data meta ġie tterminat l-appalt, u għalhekk kienet qiegħda tqis li l-appalt ġie tterminat fil-21 ta' Jannar, 2022, wara li fl-ittra uffiċjali mibgħuta lill-appellant fl-20 ta' Diċembru, 2021, dan ingħata xahar żmien biex ilesti. L-appellant jgħid li huwa ġie notifikat b'din l-ittra uffiċjali fis-7 ta' Jannar, 2022, u għalhekk l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qieset li l-appalt ġie tterminat f'għeluq ix-xahar mid-data ta' dik l-ittra, għaliex huwa ġie notifikat biha madwar ġimagħtejn wara. Iżda din il-Qorti qieset li mill-provi jirriżulta wkoll li fit-12 ta' Jannar, 2022, jiġifieri wara li l-appellant kien diġà ġie notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali, kienet saret laqgħa bejn il-partijiet fejn l-appellant wiegħed li kien ser ilesti x-xogħol sal-aħħar tal-ġimgħa, iżda dan ix-xogħol kien baqa' ma sarx. Il-Qorti kkunsidrat il-messaġġi li ġew skambjati bejn il-partijiet f'dan ir-rigward, fejn fis-17 ta' Jannar, 2022, il-Perit Ivan Attard kiteb *"Mr Duca, I have just been informed just now that no one turned up on site. This is really not looking good at all."* Għal dan il-messaġġ ma jidher li kien hemm l-ebda risposta min-naħa tal-appellant. Imbagħad fit-18 ta' Jannar, 2022, il-Perit

Attard kiteb: *"Mr Duca, yesterday your mason phoned me to meet me on site and discuss pending items. It was clear that he was not even informed from your end about this end of week's deadline. It was also clear that the pending items were not executable by the end of the week. This is highly unprofessional from your end. I informed Mr Calleja about all this and he is now adamant to consider this as a break of contract and stop works immediately. Please inform your mason to visit site and pick any tools he might have on site."*

14. Il-Qorti tqis li fl-aħħar tar-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, kien evidenti għall-appellat u għall-perit tiegħu li l-appellant ma kienx qiegħed imexxi bil-professjonalità meħtieġa. Mill-imsemmi skambju ta' messaġġi bejn il-partijiet, jidher ċar li kien biss fit-18 ta' Jannar, 2022 li l-appellat iddeċieda li ma kienx ser jippermetti lill-appellant jibqa' jtawwal il-proċess inutilment, u li kien evidenti li l-appellant ma kienx qiegħed imexxi bil-professjonalità mistennija minnu. Fl-20 ta' Jannar, 2022, intbagħtu żewġ messaġġi mill-Perit Ivan Attard lill-appellant, fejn ingħad: "... *iltqajna jien u inti l-Ġimgħa, wegħedtni illi x-xogħol kien ser ikun lest sal-aħħar ta' din il-ġimgħa ... u ingħatajt iċ-ċans. Wasal it-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa u ma tfaċċa ħadd fuq il-lant tax-xogħol. U issa tridni nikkonvinċi lill-klijent biex itik ċans ieħor."* Messaġġ ieħor jaqra: *"Nippreċiżalek, is-Sur Calleja kien kellmek li ser iwaqqfek fl-10 ta' Jannar. Fit-12 ta' Jannar, int kont ikkonfermajt li konna tkellimna u li wegħedt illi x-xogħol kien ser jitkompla u jkun lest fi żmien ġimgħa. Safrattant intom kienet intbagħtet ittra legali fejn ingħatajtu* deadline *sas-17 ta' Jannar. Fit-13 ta' Jannar kont ikkonfermajtlek illi s-Sur Calleja kien aċċetta li tkomplu. Dan ifisser illi intom kontu mwaqqfin biss għal tliet ijiem. Fit-13 ta' Jannar kont irreferejtek għal-lista tax-xogħol pendenti tas-17 ta' Diċembru li prattikament ma nbidel xejn minnha. Fl-14 ta' Jannar*

*iltqajna jien u int fuq il-lant tax-xogħol u dorna dik il-lista. Kont wegħedtni għal darba oħra li x-xogħol jitlesta fi żmien ġimgħa. Is-Sibt 15 ta' Jannar ma tfaċċa ħadd fuq il-lant tax-xogħol. It-Tnejn 17, it-Tlieta 18, ma tfaċċa ħadd fuq il-lant tax-xogħol. F'diskursata li kelli mal-bennej tiegħek, infurmani illi lanqas biss hu infurmat b'dawn id-deadlines: aħseb u ara kemm ser ilesti x-xogħol. Fid-19 ta' Jannar reġa' ma tfaċċa ħadd fuq il-lant tax-xogħol."*

15. Il-Qorti tqis li l-appellant kien ġie mwissi diversi drabi mill-appellat qabel ma ġie notifikat bl-ittra uffiċjali fis-7 ta' Jannar, 2022, li ż-żmien kien qed jagħfas u li x-xogħol kellu jiġi konkluż kemm jista' jkun malajr. Jidher ċar ukoll li minkejja d-diversi wegħdi bil-fomm li kien jagħmel l-appellant, dan xorta waħda ma kienx jibgħat il-ħaddiema tiegħu fuq il-lant tax-xogħol kif mifthiem, u lanqas ma kien qiegħed jipprova jagħlaq ix-xogħol, tant hu hekk li lanqas biss ikkomunika mal-bennej tiegħu t-terminu ta' żmien miftiehem mal-appellat. Dan iwassal lill-Qorti għall-konklużjoni evidenti li t-terminazzjoni tal-appalt saret għal raġuni ġustifikata, kif ukoll li l-appellant intalab jieqaf mix-xogħol meta kien ċar għall-appellat u għall-perit tiegħu li x-xogħol ma setax isir waħdu mingħajr ma jintbagħtu ħaddiema fuq il-lant tax-xogħol, u meta l-lista tax-xogħlijiet pendenti kienet waħda twila. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju tal-appellant mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *[Apprezzament ħażin tal-provi rigward id-data tat-terminazzjoni tal-appalt]*

16. L-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti injorat għal kollox il-provi li juru li d-dewmien kien attribwibli lill-appellat, li kien qallu li huwa kien ser ikun l-uniku

*turnkey contractor* li ser jaħdem fuq il-post. L-appellant jgħid li kien għalhekk li huwa qabel li jlesti x-xogħol fi żmien tnax-il ġimgħa, b'ġimagħtejn kontinġenza. Qal li huwa kien imfixkel f'xogħlu għaliex l-appellat ingaġġa terzi li bdew jaħdmu fil-fond meta huwa kien għadu qiegħed jaħdem fih, u kien hemm xogħol li kellu jsir minn terzi qabel ma huwa seta' jibda bix-xogħol tiegħu, fosthom it-tneħħija ta' xi materjal. Qal li kien l-appellat li assuma r-rwol ta' *project manager,* u huwa l-appellat għalhekk li għandu jwieġeb għad-dewmien. Żied jgħid li ladarba huwa ġie notifikat bl-ittra uffiċjali tal-appellant fis-7 ta' Jannar, 2022, it-terminu mogħti lilu għat-tlestija tax-xogħol kellu jiddekorri minn din id-data.

17. Din il-Qorti diġà għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-raġuni għalfejn l-appalt ġie tterminat mill-appellant. Fil-korrispondenza skambjata, l-appellant bl-ebda mod ma jsemmi li huwa kien imfixkel fix-xogħol għaliex fl-istess ħin kien hemm ukoll terzi qegħdin jaħdmu fil-post, iżda b'mod ripetut huwa ġie mfakkar mill-appellat li kien hemm bosta ġranet li matulhom ma ntbagħtu l-ebda ħaddiema tiegħu sabiex jaħdmu fil-post. Barra minn hekk, anki jekk jirriżulta li l-appellat assuma r-rwol ta' *project manager* għax-xogħol li kellu jsir, l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet kellha ssir mill-appellant permezz tal-ħaddiema tiegħu, u għaldaqstant m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni għalfejn jingħad li ladarba l-appellat assuma dan ir-rwol, bħal donnu dan għandu xi responsabbilità li jrid iwieġeb għaliha. Mill-provi jirriżulta wkoll li l-ittra uffiċjali mibgħuta lill-appellant fl-20 ta' Diċembru, 2021, u li ġiet notifikata lilu fis-7 ta' Jannar, 2022, ġiet sorvolata minn katina ta' ġrajjiet li seħħew immedjatament wara n-notifika ta' din l-ittra, ċjoé l-laqgħa li saret fuq il-post, il-fatt li l-perit inkarigat mill-proġett irrealizza li l-bennej tal-appellant ma kienx ġie infurmat bit-terminu ta' żmien li kien mifthiem, il-fatt li l-lista ta' xogħlijiet pendenti mħejjija fis-17 ta' Diċembru,

2021 prattikament baqgħet l-istess sa xahar wara, il-fatt li minkejja l-laqgħa li saret fuq il-post u l-wegħda tal-appellant li x-xogħol kellu jitlesta sa ġimgħa wara, kien evidenti li l-ebda ħaddiem ma kien qiegħed jersaq lejn il-lant tax-xogħol, u ċertament x-xogħlijiet pendenti ma setgħux isiru fiż-żmien mifthiem. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, din il-Qorti tqis li t-tieni aggravju tal-appellant mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell billi tiċħdu, u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**